


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli?](#) > [Portugal](#)

Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

 Portugall

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Ir-regola ġenerali skont il-liġi Portugiża hija li l-qrati distrettwali (*tribunais de comarca*) huma kompetenti sabiex iħejju u jisimgħu kawżi li jikkonċernaw kwistjonijiet li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni ta' qrati oħrajn. Il-qrati distrettwali għandhom kompetenza kemm ġenerali kif ukoll speċjalizzata (l-Artikolu 80 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#)).

Il-ġurisdizzjoni hija maqsuma bejn il-qrati skont is-suġġett, il-valur, il-grad u t-territorju. (L-Artikoli 37, 40, 41, 42 u 43 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#)).

Din il-kwistjoni hija rregolata bil-leġiżlazzjoni li ġejja:

- [Il-Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013 \(il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja\)](#)
- [Id-Digriet Amministrattiv Nru 49/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 \(Ir-Regoli applikabbli għall-Organizzazzjoni u għall-Funzjonament tal-Qrati\)](#)

2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġurisdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

Kif imsemmi aktar 'il fuq, il-ġurisdizzjoni tal-qrati distrettwali hija definita b'mod awtomatiku, jiġifieri, huma kompetenti sabiex iħejju u jisimgħu kawżi dwar kwistjonijiet li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni ta' qrati oħra. Il-qrati distrettwali huma maqsumin f'awli (*juízos*) ta' kompetenza speċjalizzata u ġenerali, kif ukoll f'awli lokali (l-Artikolu 81 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#)).

Sabiex issir taf jekk għandek tmur l-awla ċivili lokali ta' kompetenza ġenerali, jew f'awla speċjalizzata ċentrali, jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-mistoqsija 3 aktar 'il quddiem.

Pereżempju, għandek tmur l-awla ċivili ċentrali għal azzjonijiet dikjaratorji skont il-proċedura komuni b'valur li jaqbeż il-EUR 50 000 (l-Artikolu 117 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#)).

2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Iva. Hemm distinzjoni bejn qrati superjuri u inferjuri għall-fini ta' appelli kontra sentenzi tal-qrati. Bħala regola ġenerali, il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja (*Supremo Tribunal de Justiça*) tisma' appelli b'valur li jaqbeż il-limitu tal-qrati tal-appell (*tribunais da Relação*) u l-qrati tal-appell jisimgħu kawżi b'valur li jaqbeż il-limitu tal-qrati tal-Prim'Instanza (*tribunais judiciais de primeira instância*) (l-Artikolu 42 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu](#)

2013).

Il-limiti huma stabbiliti fl-Artikolu 44 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Sabiex jiġi ddeterminat liema qorti hija kompetenti, huwa neċessarju li jiġu applikati r-regoli dwar il-kompetenza bbażati fuq is-suġġett, fuq il-valur, fuq il-grad u fuq it-territorju stabbiliti fil-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

2.2 Ġurisdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

Il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni territorjali hija rregolata bl-Artikolu 43 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Sabiex issir taf jekk hijiex kompetenti l-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B, jeħtiegħek tikkonsulta l-Annessi I, II u III tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġurisdizzjoni territorjali

Persuni fiżiċi

Ir-regola ġenerali hija stabbilita fl-Artikolu 80 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili \(Código de Processo Civil\)](#).

Il-persuni ġuridiċi u l-kumpaniji

Ir-regola ġenerali hija stabbilita fl-Artikolu 81 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Diversi intimati u rikorsi kumulattivi

Ir-regola ġenerali hija stabbilita fl-Artikolu 82 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Kawżi li fihom waħda mill-partijiet tkun imħallf, il-konjuġi ta' mħallf jew qarib partikolari ta' mħallf

Ir-regola ġenerali hija stabbilita fl-Artikolu 84 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Is-smiġħ tal-appelli

Ir-regola dwar il-kompetenza għas-smiġħ tal-appelli hija stabbilita fl-Artikolu 83 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

Din li ġejja hija tweġiba konġunta għal dawn it-tliet mistoqsijiet.

L-eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali msemmin hawn fuq huma stabbiliti fl-Artikoli 70 sa 79 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-eżekuzzjoni huma stabbiliti fl-Artikoli 85 sa 90 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Id-dritt industrijali

Ir-regola ġenerali hija stabbilita fl-Artikolu 13 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Industrijali \(Código de Processo do Trabalho\)](#).

Insolvenza

Tapplika r-regola stabbilita fl-Artikolu 7 tal-[Kodiċi ta' Insolvenza u ta' Rkupru Korporattiv \(Código da Insolvência e da Recuperação de Empresas\)](#).

Inventarju

Għall-kompetenza fi proċedimenti bl-inventarju, ara l-iskeda informattiva dwar is-suċċessjoni.

Il-manteniment għall-adulti u l-minorenni u r-regolamentazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri

Għal aktar informazzjoni dwar kompetenza f'kawżi dikjaratorji marbuta ma' pagamenti ta' manteniment għall-adulti u l-minorenni, fl-eżekuzzjoni tagħhom u f'kawżi dwar ir-regolamentazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, ara l-iskeda informattiva dwar il-manteniment.

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

Iva. Il-kompetenza miftiehma hija stabbilita fl-Artikolu 95 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

Il-ġuriżdizzjoni ta' kull qorti tiddependi fuq is-suġġett, kif stabbilit hawn taħt:

Awli ċivili ċentrali (*Juízos centrais cíveis*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-awli ċivili ċentrali hija stabbilita fl-Artikolu 117 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Awli ċentrali tal-familja u tal-minorenni (*Juízos centrais de família e menores*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-awli tal-familja u tal-minorenni hija stabbilita fl-Artikoli 122 sa 124 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Awli industrijali ċentrali (*Juízos centrais do trabalho*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-awli industrijali hija stabbilita fl-Artikolu 126 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Awli kummerċjali ċentrali (*Juízos centrais de comércio*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-awli kummerċjali hija stabbilita fl-Artikolu 128 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Awli ċentrali tal-eżekuzzjoni (*Juízos centrais de execução*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-awli tal-eżekuzzjoni hija stabbilita fl-Artikolu 129 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

QRATI B'KOMPETENZA USA'

Il-Qorti tal-Proprietà Intellettwali (*Tribunal da propriedade intelectual*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Proprietà Intellettwali hija stabbilita fl-Artikolu 111 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Il-Qorti għall-Kompetizzjoni, għar-Regolamentazzjoni u għas-Superviżjoni (*Tribunal da concorrência, regulação e supervisão*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti għall-Kompetizzjoni, għar-Regolamentazzjoni u għas-Superviżjoni hija stabbilita fl-Artikolu 112 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

Il-Qorti Marittima (*Tribunal marítimo*)

Il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Marittima hija stabbilita fl-Artikolu 113 tal-[Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#).

QRATI SUPERJURI

Il-Qrati tal-Appell

Id-definizzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Qrati tal-Appell huma stabbiliti fl-Artikolu 67 tal-Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013.

Il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja

L-organizzazzjoni tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja hija stabbilita fl-Artikolu 47 tal-Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013.

Il-leġiżlazzjoni applikabbli:

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

Il-Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013 (il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja)

Id-Digriet Amministrattiv Nru 49/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 (Ir-Regoli applikabbli għall-Organizzazzjoni u għall-Funzjonament tal-Qrati)

Il-Kodiċi tal-Proċedura Industrijali

Il-Kodiċi ta' Insolvenza u Rkupru Korporattiv

Twissija

Il-Punt ta' Kuntatt, il-qrati jew entitajiet u awtoritajiet oħra ma humiex marbuta bl-informazzjoni f'din l-iskeda informattiva. Għalhekk iridu jiġu kkonsultati t-testi legali fis-seħħ u l-emendi sussegwenti tagħhom.

■ L-aħħar aġġornament: 05/02/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.